Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0288(COD)

19.12.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0459 – C9-0316/2023 – 2023/0288(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Irene Tinagli

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0459 – C9-0316/2023 – 2023/0288(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0459),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0316/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Novembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

[1] https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/legal/ecb.leg_con_2023_38.mt.pdf?32d503a2f8b5bdd180bc944af0c56e81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[1a],
	[1a] Opinjoni tal-24 ta' Novembru 2023 (Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Huwa importanti għal skopijiet analitiċi li ammont xieraq ta' data b'lura jkun disponibbli biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-indiċijiet tal-kost lavorattiv maż-żmien. Madankollu, sabiex jitnaqqas il-piż impost fuq l-Istati Membri, it-trażmissjoni jenħtieġ li tkun limitata għal data b'lura li tal-inqas tkopri s-snin kalendarji 2024 u 2025.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-opinjoni tiegħu, il-BĊE jissuġġerixxi li r-rekwiżit li tiġi pprovduta informazzjoni li tagħmilha possibbli li jinftiehem l-impatt tal-bidliet fil-metodoloġija jew fil-popolazzjoni tal-kampjun (b'mod partikolari, ammont xieraq ta' data b'lura, li tista' tkun ibbażata fuq stimi, indikaturi, u sorsi oħra ta' data) għandu jiġi stabbilit b'mod espliċitu fir-Regolament propost.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Biex jiġi limitat il-piż fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq l-SMEs, l-	(9) Biex jiġi limitat il-piż fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq l-SMEs, l-

awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi, li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut għal jew bħala suppliment għall-istħarriġiet tal-istatistika, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-objettiv.	awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi, li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut għal jew bħala suppliment għall-istħarriġiet tal-istatistika, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-objettiv. ***Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi limitat l-għadd ta' sorsi li minnhom tista' tinġabar u tiġi trażmessa d-data, għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika minn liema sorsi, minbarra d-data tal-istħarriġ u r-rekords amministrattivi, id-data tista' tinġabar u tiġi trażmessa skont dan ir-Regolament. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe pproċessar ta' data li tirriżulta minn dawk is-sorsi l-oħra jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].***
	[1a] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj?locale=mt).
	Or. en

Ġustifikazzjoni

"Sorsi oħra" jistgħu jikkonsistu f'għadd kbir ta' sorsi, li potenzjalment jinkludu data sensittiva li tippermetti li jinsiltu inferenzi aktar intimi dwar il-ħajja tas-suġġett tad-data u tista' tirrappreżenta riskju sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tiegħu. Il-lista ta' sorsi għandha għalhekk tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat. Huwa importanti wkoll li jitfakkar li d-data li tikkonċerna l-użu ta' servizzi u networks ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament u l-aċċess jew il-ħżin ta' informazzjoni fit-tagħmir terminali tal-utent finali hija soġġetta għad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Meta l-attivitajiet li jeħtieġ jitwettqu skont dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali, tali proċessar jenħtieġ li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, jiġifieri r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b]. F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data stabbilit f'dawk ir-Regolamenti, id-data pprovduta skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi aggregata sakemm l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj?locale=mt).

[1b] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj?l

***ocale=mt*).**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe pproċessar ta' persuni jrid jikkonforma mar-rekwiżiti tal-GDPR. Għalhekk, ikun xieraq li ssir referenza espliċita għall-applikabbiltà tal-GDPR u tal-EUDPR għall-ipproċessar ta' data personali skont ir-Regolament futur, simili bħal fil-premessa 14 tal-Proposta reċenti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea, kif emendat mill-Parlament.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' statistika, li jitqies li huwa fl-interess pubbliku, jenħtieġ li jkun soġġett għal salvagwardji xierqa f'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725. B'mod partikolari, għandha tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju li d-data personali jenħtieġ li ssir anonima.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li ssir referenza speċifika għall-konformità mas-salvagwardji relatati mal-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' statistika skont l-Artikolu 89 tal-GDPR u l-Artikolu 13 tal-EUDPR, b'mod partikolari li fil-prinċipju d-data għandha ssir anonima.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009	(11) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009

dwar l-istatistika Ewropea hu l-qafas ta' referenza għal dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data kunfidenzjali.	dwar l-istatistika Ewropea hu l-qafas ta' referenza għal dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data kunfidenzjali ***u l-ipproċessar u l-kondiviżjoni ta' data personali, inkluż ta' data miżmuma minn persuni privati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi ċċarata r-relazzjoni tar-Regolament futur 223/2009 (inkluż ir-rieżami li għaddej bħalissa) fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li tintalab biss data mhux personali (anonimizzata) mingħand id-detenturi privati tad-data.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u ta opinjoni ***nhar [xxx]***.	(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u ta opinjoni ***fil-25 ta' Settembru 2023***.
[21] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	[21] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "unità statistika" tfisser l-entità li dwarha tinġabar jew tiġi kkumpilata d-data;	(1) "unità statistika" tfisser ***il-persuna fiżika jew*** l-entità ***ġuridika*** li dwarha tinġabar jew tiġi kkumpilata d-data;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 6() tal-Proposta jipprevedi li "l-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkumpilata għal waħda jew aktar mill-unitajiet statistiċi li ġejjin: (a) l-intrapriżi; (b) l-unitajiet lokali; (c) l-impjegati." Madankollu, skont l-Artikolu 2(1) tal-Proposta, "unità statistika" hija definita bħala "(...) l-entità li dwarha tinġabar jew tiġi kkumpilata d-data", u b'hekk l-impjegati jiġu esklużi mid-definizzjoni. Din l-emenda tiżgura li d-definizzjoni tinkludi l-persuni kollha kkonċernati.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) "data b'lura" tfisser data li tkopri perjodu ta' mill-inqas sentejn kalendarji qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti għal skopijiet analitiċi li ammont xieraq ta' data b'lura jkun disponibbli biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-indiċijiet tal-kost lavorattiv maż-żmien. Madankollu, fl-opinjoni tiegħu l-BĊE jirrikonoxxi l-piż li jiġi impost fuq l-Istati Membri jekk ikunu meħtieġa jipprovdu data b'lura fuq medda twila ta' żmien. Permezz ta' din l-emenda nappoġġja li t-trażmissjoni ta' data b'lura tiġi limitata għal data b'lura li tal-inqas tkopri s-snin kalendarji 2024 u 2025.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati fkonformità mal-Artikolu 13, li jissupplimentaw dan ir-Regolament, biex tispeċifika minn liema sorsi oħra msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, tista' tingħabar u tiġi trażmessa d-data. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-użu ta' dawk is-sorsi l-oħra jkun meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies kif xieraq is-sensittività tad-data inkwistjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nipproponi li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tispeċifika liema "sorsi oħra" jistgħu jintużaw, sabiex il-lista tas-sorsi tiġi limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-għanijiet previsti.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data miksuba mis-sorsi stabbiliti fl-Artikolu 3 tipprovdi kopertura sħiħa tal-unitajiet statistiċi u l-popolazzjoni statistika definiti fl-Artikolu 6**.** u tagħti stimi eżatti tagħhom.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data***, inkluża d-data b'lura,*** miksuba mis-sorsi stabbiliti fl-Artikolu 3 tipprovdi kopertura sħiħa tal-unitajiet statistiċi u l-popolazzjoni statistika definiti fl-Artikolu 6 u tagħti stimi eżatti tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti għal skopijiet analitiċi li ammont xieraq ta' data b'lura jkun disponibbli biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-indiċijiet tal-kost lavorattiv maż-żmien.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data mibgħuta, is-sorsi u l-metodi użati u l-oqfsa tal-kampjunar.	8. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data mibgħuta, is-sorsi u l-metodi użati u l-oqfsa tal-kampjunar. ***Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji u tippubblika rapporti u komunikazzjonijiet dwar il-kwalità tad-data trażmessa, is-sorsi u l-metodi użati. F'dawk ir-rapporti, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tirrakkomanda kif għandhom jiġu ġestiti s-sorsi meqjusa ta' kwalità baxxa, u d-data miġbura permezz ta' dawk is-sorsi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalkemm l-Artikolu 8(5) jispeċifika li dawn ir-rapporti ta' kwalità se jaderixxu ma' format definit aktar mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma toffrix gwida addizzjonali dwar kif is-sorsi kkategorizzati bħala "ta' kwalità baxxa" u d-data miġbura permezz tagħhom għandha tiġi ġestita. Permezz ta' din l-emenda nappella lill-Kummissjoni biex tipprovdi tali gwida.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Id-data miġbura bħala parti mill-istudji pilota msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għall-oqsma u s-suġġetti elenkati fl-Artikolu 4(1) u s-suġġetti dettaljati speċifikati fl-Anness.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi ċċarat li tali studji ma jippermettux il-ġbir ta' data lil hinn mis-

"suġġetti" u s-"suġġetti dettaljati" elenkati fl-Artikolu 4(1) u speċifikati fl-Anness għall-Proposta.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tirrakkomanda kif l-istudji pilota għandhom jiġu integrati bħala soluzzjonijiet permanenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament propost għandu jipprovdi kif id-data miksuba permezz tal-proġetti pilota potenzjalment se tiġi integrata bħala soluzzjonijiet permanenti.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13, li jissupplimentaw dan ir-Regolament, biex tispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi li jwettqu l-istudji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa fejn l-ipproċessar ta' data personali jsir għall-fini ta' dawk l-istudji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġu speċifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet skont it-tifsira tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) u tal-Istati Membri fir-rigward tal-istudji pilota, sa fejn l-ipproċessar tad-data personali jsir għall-fini tal-istudji.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3) ***u*** 7(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***żmien indeterminat*** minn [Publications Office: please insert exact date of entry into force of the Regulation].	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***3(1a),*** 4(3)***,*** 7(1) ***u 9(3a)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal ***perjodu ta' ħames snin*** minn [Publications Office: please insert exact date of entry into force of the Regulation]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tallinja l-formulazzjoni ma' dispożizzjonijiet simili f'atti legali oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat ECON.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3) ***u*** 7(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***3(1a),*** 4(3)***,*** 7(1***) u 9(3a***) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu

jiġi estiż ***b'xahrejn*** wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	jiġi estiż ***bi tliet xhur*** wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tallinja l-formulazzjoni ma' dispożizzjonijiet simili f'atti legali oħra li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat ECON.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Anness – Tabella – kolonna 4 – ringiela 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ***erba' snin***	Kull ***sentejn***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Anness – Tabella – kolonna 4 – ringiela 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ***erba' snin***	Kull ***sentejn***

Or. en